MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2003

Numru 948/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR DAVID SALIBA**

**VS**

**PATRICK MANGION**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Patrick Mangion ta’ 29 sena, bin Anthony u Joan xebba Camilleri imwieled Hal Qormi fit-30 ta’ Jannar 1973 u li joqghod Dar

id-Duluri Triq il-Maghsar, Haz-Zabbar, bin-numru tal-karta ta’ l-identita’ 638773 M;

Talli fl-20 ta Lulju, 2002 f’Tigne limiti ta’ tas-Sliema, fil-ghodu, rrenda ruhu komplici ta’ serq ta’ stereo tal-ghamla Kenwood li jiswa aktar minn Lm50.00 minn gewwa karozza tal-ghamla Fiat Punto, bin-numru tar-registrazzjoni EYE-001 ghad-dannu ta’ Mark Camilleri liema serq huwa aggravat bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa kif ukoll ikkaguna hsara volontarja jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli fl-imsemmija karozza, liema hsara tiswa aktar minn Lm50, izda anqas minn Lm500 ghad-dannu ta’ l-imsemmi sid u cioe’ Mark Camilleri, billi b’xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lil Saviour Agius fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat.

Kif ukoll talli huwa recediv b’diversi sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mhassar, ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 41, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni, ma’ jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-istess imputat hati ta’ kif akkuzat.

Wara li hadet in konsiderazzjoni:

1) l-ammissjoni in awla ta’ l-imputat u cioe’ l-ammissjoni immedjata;

2) id-dikjarazzjoni tieghu maghmula tramite l-avukat Ian Farrugia, illi huwa jixtieq jissottometti ruhu ghall-kura mill-vizzju tad-droga, haga li jista’ jghamel biss illum mill-habs, stante illi huwa qieghed jiskonta sentenza.

Ghaldaqstant, fil-waqt li ssibu hati kif akkuzat, tikkundannah ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sitt xhur, li minnhom ghandhom jitnaqqsu l-ammont ta’ zmien li dam that arrest, fuq din l-akkuza.

Il-Qorti, qeghda tirrakomanda lid-Direttur tal-Habs, sabiex fiz-zmien profizzju, jibghat l-istess imputat, ghall-kura volontarja mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------